TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 396/10

**Stella Spagnol**

**vs**

**Arena Laundry**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' sebgħin ewro (€70), rappreżentanti prezz ta' ġakketta illi wara li sarilha d-*dry cleaning,* din ġarbet il-ħsara.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li hija rappreżentanta tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħadet ġakketta għal *dry cleaning* li kienet inxtrat xi erba' snin ilu, u wara li sarilha d-*dry cleaning*, din il-ġakketta ġarbet xi ħsara.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-ġakketta ma sarilhiex id-*dry cleaning* għax kienet *worn out.*

It-Tribunal ukoll kellu l-opportunita' li jispezzjona l-ġakketta illi nġabet quddiemu u waqt li kienet qed tiġi esebita quddiem it-Tribunal, ħareġ xi frak mill-but illi dan juri li ma kienx sarilha d-*dry cleaning*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**